**Qorti tal-Magistrati (Malta)**
**Bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali**

**Magistrat Dr. Claire L. Stafrace Zammit B.A. LL.D.**

**Il-Pulizija**
**[Spettur Fabian Fleri]**

**vs**

**Charles Spiteri**

**Kumpilazzjoni Numru: 580/15**

**Illum, 23 ta’ Settembru, 2019**

**Il-Qorti,**

Rat l-akkuzi fil-konfront tal-imputat **Charles Spiteri** detentur tal-karta tal-identita’ numru 2074M akkuzat talli fis-26 ta’ Mejju 2012 ghall-

habta ta' bejn it-08:30 u 12:30hrs mir-residenza bin-numru 43, li tinsab f'Dawret il-Wied Mosta kkommetta serq ta' mobile phone u laptop liema serq huwa aggravat bil-mezz, bil-valur li ma jeccedix il-2329.45 Euros (elf Lira Maltija) u bil-lok u dan ghad-detriment ta' John Grima u/jew persuna/i ohra. *Art. 261(b)(c)(e), 263(a), 267, 269(g), 278(3) Kap 9*

U aktar talli sar ricediv b'diversi sentenzi tal-Qorti tal-Magistrati (Malta), liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jinbidlu ai termini tal-artikoli *49, 50 u 289 tal-kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta*

Rat il-fedina tal-imputat li hija wahda refrattarja;

Rat l-ezami tal-imputat li wiegeb mhux hati tal-akkuzi kif dedotti kontrih;

Rat l-atti kollha tal-kawza inkluzi l-verbal tad-difiza datat hdax (11) ta' Gunju elfejn u tmintax (2018) fejn l-imputat ammetta l-akkuzi kollha kif dedotti kontrih u fejn talab li jithejja *Pre Sentencing Report* minn ufficjal tal-Probation li

kienet diga’ giet imqabbda precedentement f’dawn il-proceduri sabiex thejji *Social Enquiry Report*;

Rat illi dan ir-rapport gie esebit mill-ufficjal tal-Probation fis-seduta tad-disgha u ghoxrin (29) ta’ Ottubru elfejn u tmintax (2018) fejn dan ma kienx daqshekk pozittiv fil-konfront tal-imputat ghaliex kien jidher li ma kienx kommess li jsegwi b’dedikazzjoni l-pjan ta’ kura;

Rat il-verbal tad-difiza datat hdax (11) ta’ Marzu elfejn u dsatax (2019) fejn intalab li jkun hemm *update* tal-*Pre Sentencing Report* peress li l-imputat kien ghamel progress konsiderevoli f’hajtu (fol. 105-112) u fil-fatt hu ta l-kunsens tieghu sabiex jissottometti ruhu ghall-Ordni ta’ Trattament taht l-Artikolu 412D tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Illi difatti dan kollu gie kkonfermat bir-rapport tal-andament tal-ufficjal tal-Probation datat hamsa u ghoxrin (25) ta’ Gunju elfejn u dsatax (2019);

Il-Qorti hadet konjizzjoni wkoll tal-ahhar rapport npprezentat mill-ufficjal tal-Probation datat sittax (16) ta’ Settembru elfejn u dsatax (2019)

fejn hija ghamlet is-segwenti rakkomandazzjonijiet u konkluzjonijiet:

"***Konkluzjonijiet u Rakkomandazzjoni***

*Mill-informazzjoni migbura jidher li meta l-imputat ikun fi hdan il-Facilita' Korrettiva ta' Kordin ikollu imgiba tajba hafna. L-inkwiet huwa meta huwa jkun fuq barra fejn ikun dghajjef u jerga' jaqa' ghall-vizzju tad-droga. B'hekk jinhass li huwa ferm importanti li apparti l-ghajnuna psikologika li qed jircievi, l-imputat isegwi l-pjan tieghu li jmur programm residenzjali kontra l-vizzju tad-droga u jkompli l-programm fl-intier tieghu. Dan ikun ta' ghajnuna sabiex jintegra lura fis-socjeta' meta jiskonta l-pieni tieghu u jkollu punt ta' referenza fl-agenzija sabiex ikompli jircievi ghajnuna fil-komunita'.*

*Ghaldaqstant sabiex dan il-pjan ta' kura msemmi hawn fuq ikun jista' jigi attwat, qieghed umilment jigi rakkomandat lil din l-Onorabbli Qorti li l-Ordni ta' Trattament*

*provizorja li nghatat fil-11 ta' Marzu 2019 tkompli tkun fis-sehh, fejn l-imputat ikun obbligat li jsegwi u jtemm b'success programm ta' riabilitazzjoni mill-vizzju tad-droga, filwaqt li jkun qed jigi segwit mill-Ufficjal tal-Probation li zzomm lil din l-Onorabbli Qorti infurmata bl-andament tal-imputat. Din ir-rakkomandazzjoni qieghda tigi mfassla in vista taz-zmien li fadallu jiskonta Charles Spiteri gewwa l-Facilita' Korrettiva ta' Kordin."*

In vista ta' dan kollu u in vista li l-imputat ikkonferma l-ammissjoni tieghu fis-seduta odjerna, din il-Qorti ma tistax taghlaq ghajnejha u ma taghtihx cans iehor u dan in vista tal-fatt li l-imputat kwazi rrijabilita' ruhu kompletament anke jekk ghandu addebitat lilu l-addebitu tar-recidiva.

Ghal dawn il-motivi u wara li rat l-Artikoli 261(b)(c)(e), 263(a), 267, 269(g), 278(3), 49, 50 u 289 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta qed issib lill-imputat Charles Spiteri hati tal-akkuzi kif dedotti kontrih u bl-applikazzjoni tal-Artikolu 28G tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta qed

tikkundannah ghal sentejn (2) prigunerija sospizi ghal erba’ (4) snin.

Il-Qorti qed tordna li l-Ordni ta’ Trattament diga’ ordnata tul il-proceduri qed tigi hawnhekk estiza ghal zmien sentejn (2) bl-istess kundizzjonijiet.

Finalment, il-Qorti spjegat fi kliem semplici lill-imputat, ir-riperkussjonijiet jekk din l-ordni ma tigix obduta.

---

**Ft./Dr. Claire L. Stafrace Zammit B.A. LL.D.**
**Magistrat**

**Benjamina Mifsud**
**Deputat Registratur**